**365. Id-Deputat Prim Ministru Anzjan u Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet tal-Parlament, l-Onor. Joseph Cassar, jipproponi:**

Billi b'Riżoluzzjoni tas-Seduta Nru 120 tat-13 ta' Lulju, 1983, il-Kamra tad-Deputati approvat it-tiġdid tal-għotja ta' bini f'Manoel Island lill-International Maritime Organisation;

U billi l-imsemmija organizzazzjoni talbet li terġa’ ġġedded l-istess kirja għal sentejn oħra mill-11 ta' Diċembru,1985 taħt il-kondizzjonijiet diġà approvati mill-Kamra tad-Deputati;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 3 tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita "skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment";

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-kirja tal-imsemmi bini f'Manoel Island lill-International Maritime Organisation, tista' tiġġedded għal sentejn mill-11 ta' Deċembru, 1985 skont il-pattijiet u l-kondizzjonijiet diġà approvati mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta fuq imsemmija.

06.02.1987